MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 54/2014

**Jimmy Vella**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jimmy Vella tat-2 ta' Ottubru 2014 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-16 ta' Settembru 2014 kontra l-applikazzjoni PA 5578/04 'outline application to demolish existing illegal workshop and retain garage covered by permit PB 2015/86 and enhanced by landscaping';

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:

Illi l-applikazzjoni giet rifjutata mill-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ghas-segwenti raguni:

“1. Illegal development on site was not removed within the deadline stipulated by the Environment Planning Commission in its decision dated 8/02/2013, as provided by Article 14(5) of Legal Notice 514/2010.’’;

Ra l-appell tal-Perit Robert Musumeci f’isem l-appellant li jaqra kif gej:-

“AGGRAVJI

L-appellant ihossu aggravat mid-decizjoni mertu ta’ dan l- appell ghas-segwenti ragunijiet:

Kif inghad supra, l-appellant talab lill- Kummissjoni appellata permezz ta’ ittra datata 29.07.2013 (u li kienet “acknowledged” fis-sistema ta’ l- Awtorita’ nhar l-1 ta’ Awwissu 2013) sabiex din l-istess Kummissjoni tissospendi il- process ai termini ta’ l- Artikolu 3 ta’ l- A.L. 158 ta’ l- 2013;

Detto cio’, il- Kummissjoni injorat ghal kollox it-talba ta’ l- appellant u pprocediet bit-tehid tad- decizjoni meta din l- istess Kummissjoni taf ben tajjeb li kull meta is-Segretarju Parlamentari jikkommunika lill-Awtorita` li policy partikolari qed tiġi riveduta (f’dan il- kaz il- policies rilevanti gew citati fl- ittra imsemmija ta’ l-applikant datata 29.07.2013), “ l-Awtorita` għandha tissospendi applikazzjoni” jekk ikun hemm talba ta’ perit jew applikant (bhalma in effetti kien hemm f’dan il- kaz), u dan kif provdut fil-paragrafu (d) tas-subregolament 3 ta’ l- A.L. 158 ta’ l- 2013;

TALBA

Illi ghalhekk, in vista tal-konsiderazzjonijiet maghmula, ghandu jirrizulta illi l-agir tal-Kummissjoni ta' l- Ambjent u l- Ippjanar kein legalment zbaljata meta cahdet it-talba ta' l-appellant minkejja din kienet tenuta tissospendi l- process kif trid il-ligi;

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-appellant filwaqt li jaghmel referenza ghall-atti tal-kaz u provi ohra producibbli f'dan l-istadju, jitlob umilment lil dan it- Tribunal sabiex jirrimetti l- kaz quddiem il- Kummissjoni u jordna s-sospensjoni talprocess.

L-appellant qieghed ukoll minn issa jirriserva d-dritt li jitlob li jsir access fuq is-sit in kwistjoni f'kaz li jinqala' l-htiega. Huwa in oltre jitlob li jigu prodotti x-xhieda elenkati f' dan ir-rikors filwaqt li jirriserva d-dritt tieghu li jtella' aktar xhieda sabiex jelaboraw fuq dak sollevat minnu, u dan bil-ghan li l-esponenti jkun f'posizzjoni ahjar sabiex jissoda s-sisien tieghu ghas-sodisfazzjon ta' dan it-Tribunal."

Ra n-nota tal-Avukat Dottor Degaetano ghall-Awtorita' prezentata fis-17 ta' Marzu 2014, li taqra kif gej:

"Illi l-appell intavolat kien mill-fatt illi l-appellant kien talab sospensjoni quddiem l-EPC, liema sospensjoni ma kenitx giet accettata;

Illi l-avviz legali 514 tal-2010 kif emendat bl-avviz legali 518 tal-2013 jaghti lkundizzjonijiet fejn l-Awtorita` ghandha tissospendi applikazzjoni – veru kif qal l-appellant l-Awtorita` accettat li jsiru anki sospensjonijiet quddiem it-Tribunal ghalkemm strettament mhix imsemmija fl-avviz legali, izda dan dejjem jekk it-talba ghas-sospensjoni tkun bir-rekwiziti l-ohra kollha tar-regolament 9 (2) tal-istess avviz legali;

Illi f'dan il-kaz is-sospensjoni mill-EPC giet rifjutata korrettement minhabba li l-permess kien diga` hareg izda l-appellant kellu sitt xhur biex inehhi l-illegalitajiet bhala wahda mill-tal-permess, liema illegalitajiet ma nehhihomx u ghaldaqstant inghatalu dismissal;

Illi is-sub paragrafu (b) tar-regolament 9 (2) taghmilha cara li tista' ssir sospensjoni jekk policy partikolari qed tigi riveduta li fl-opinjoni tal-Awtorita` l-applikazzjoni tista' tigi affettwata b'tali policy. Issa fl-istadju li kienet waslet l-applikazzjoni u cjoe` proceduralment kellu jnehhi l-illegalitajiet, ma kien hemm l-ebda policy li giet approvata mis-Segretarju Parlamentari li kienet qed tigi riveduta li kienet teffettwa l-

procedura imsemmija fir-regolament 14 tal-avviz legali 514 tal-2010 w ghaldaqstant ma kienet teffettwa bl-ebda mod l-applikazzjoni;

L-appell li gie intavolat quddiem dan it-Tribunal sar proprju ghaliex ma gietx sospiza id-decizjoni tal-EPC skont l-avviz legali 514 tal-2010 u dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi jekk fil-fatt dik ic-cahda ta' sospensjoni kenitx korretta jew le – u li kif inghad hi korretta u skont l-istess regolament 9 tal-avviz legali 514 tal-2010. Dan mhux appell mill-mertu (kif id-decizjoni tal-EPC ukoll ma kenitx fil-mertu) li wiehed ghalhekk jara l-mertu u jekk dan jista' jigi effettwat b'xi policy imxandra mis-Segretaju Parlamentari, izda hi biss mill-ezekuzzjoni tar-regolament 8 tal-avviz legali msemmi. L-appellant lanqas qed jikkontesta din id-decizjoni tad-dismissal izda biss ic-cahda tas-sospensjoni, li kif inghad fuq kienet korretta.'';

Ra ukoll il-PA file bin-numru 2054/08;

Ra l-atti kollha ta' dan l-appell.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi l-aggravvju tal-appellant jirrigwarda l-fatt li l-Kummissjoni ma laqghetx it-talba ta' sospensjoni mressqa permezz ta' ittra tad-29 ta' Lulju 2013, u kompliet bit-tehid tad-decizjoni dwar l-applikazzjoni numru PA 2054/08. L-appellant qieghed jinsisti li tali decizjoni tmur kontra l-providiment tal-Avviz Legali numru 514 tal-2010 kif amendat bl-Avviz Legali numru 158 tal-2013 li meta s-Segretarju Parlamentari jikkommunika li policy partikolari qed tigi reveduta, l-Awtorita' ghandha tissospendi l-applikazzjoni jekk ikun hemm talba ta' perit jew l-applikant, u ghaldaqstant l-appellant qieghed jitlob sabiex jirrimetti l-kaz quddiem il-Kummissjoni u jordna s-sospensjoni tal-applikazzjoni.

Illi l-Awtorita' rrilevat li t-talba ta' sospensjoni ghandha tosserva r-rekwiziti kollha tar-regolament 9(2) tal-Avviz Legali sucitat. Skont l-Awtorita', il-Kummissjoni ghal-Ambjent u l-Ippjanar kienet korretta li tirrifjuta t-talba ta' sospensjoni minhabba li decizjoni dwar l-istess applikazzjoni – fejn gie approvat il-hrug tal-permess - kienet gja ttiehdet qabel ma saret it-talba ta' sospensjoni, u l-istess permess kellu johrog fi zmien sitt xhur fejn f'dan iz-zmien l-applikant kellu jnehhi l-izvilupp illegli kif gie ndikat fl-istess applikazzjoni approvata.

Illi dan it-Tribunal qieghed jaqbel mal-argumenti mressqa mill-Awtorita', billi l-procedura ta' sospensjoni hija marbuta mal-process tal-applikazzjoni fi stadju meta

l-applikazzjoni ghal-izvilupp tigi quddiem il-Kummissjoni ghad-decizjoni kif provdut fir-regolament 9 tal-Avviz Legali 514 tal-2010.

Is-sospensjoni tad-decizjoni hija limitata skont il-paragrafi ‘(b)’, ‘(c)’ u ‘(d)’ tar-regolament 9(2) tal-Avviz Legali sucitat. Paragrafu ‘(c)’ jaghmilha cara li tali talba ta’ sospensjoni ghandha ssir wara li l-applikant ikun irceva r-rapport tal-case officer skont kif provdut fir-regolament 8(4) wara li l-istess applikant u l-perit ikunu gew notifikati mill-Awtorita’ bir-revizjoni pendenti ta’ policy li skont l-opinjoni tal-Awtorita’ l-istess applikazzjoni tista tigi milquta b’tali policy skont kif provdut fil-paragrafu ‘(b)’ tar-regolament 9(2).

Illi f’dan il-kaz it-talba ta’ sospensjoni saret wara li l-Kummissjoni kienet iddecidiet l-applikazzjoni, fejn gie approvat il-hrug tal-permess. F’dan ir-rigward it-talba ta’ sospensjoni ma kinietx wahda valida skont il-ligi meta fi zmien meta saret it-talba, il-Kummissjoni kienet gja ddecidiet l-applikazzjoni, u ghaldaqstant ma kienx hemm ebda cirkustanza jew skop li ghalih il-Kummissjoni kellha tissospendi l-applikazzjoni skont kif provdut fir-regolamenti sucitati.

It-tieni decizjoni tal-Kummissjoni tad-9 t’Awissu 2013 ma kinietx relatata mal-mertu tal-applikazzjoni - li kien gja deciz fis-seduta tat-8 ta’ Frar 2013 – imma kienet limitata rigward il-kundizzjoni dwar it-tnehhija tal-izvilupp illegali li kellu jitnehha fi zmien sitt xhur. Illi f’dan l-appell odjern, it-Tribunal ma giex mitlub sabiex jikkunsidra din id-decizjoni, imma l-appell huwa biss limitat fir-rigward ic-cahda tas-sospensjoni mill-Kummissjoni li giet kunsidrata fl-istess seduta tad-9 t’Awissu 2013.

Illi ghaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Kummissjoni kienet korretta li tichad it-talba ta’ sospensjoni, u f’dan ir-rigward l-appell qieghed jigi michud.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal zbalja meta qal li l-Kummissjoni ma laqghetx talba ghal sospensjoni u ghaddiet biex iddecidiet l-applikazzjoni peress illi fil-fatt il-Kummissjoni injorat it-talba u iddecidiet l-applikazzjoni biex cahdet lil applikant mid-dritt tad-doppio esame;

2. It-Tribunal zbalja meta qabel mal-Awtorita li meta saret it-talba ghas-sospensjoni l-Kummissjoni kienet gia iddecidiet l-applikazzjoni peress illi l-applikazzjoni giet deciza fit-12

ta' Awwissu 2013 wara t-talba ghas-sospensjoni fid-29 ta' Lulju 2013. Il-laqgha tal-Kummissjoni saret fit-2 ta' Awwissu 2013 wara li l-applikant gie infurmat bid-data tas-smigh fid-9 ta' Lulju 2013. Ghalhekk fl-istadju li saret it-talba ghas-sospensjoni l-Kummissjoni kienet obbligata tissospendi d-decizjoni skond Avviz Legali 514/10 kif emendat fl-2013.

**L-ewwel u t-tieni aggravji**

Il-Qorti ma taqbel f'xejn mal-aggravji imressqa mill-appellant. Fl-ewwel lok, is-sottomissjoni dwar il-ksur tad-dritt ghal doppio esame sar fil-kuntest tal-Kummissjoni u l-operat taghha mentri din il-Qorti tisma' appelli mid-decizjonijiet tat-Tribunal ta' Revizjoni fuq punt ta' ligi. In oltre bhala fatt dan il-punt tqajjem quddiem it-Tribunal, gie kunsidrat u deciz mill-istess Tribunal. L-istess ilment rega' tressaq f'dan l-appell quddiem il-Qorti u kwindi ma hemm ebda lezjoni tad-dritt tad-doppio esame kif qed jigi allegat, almenu fejn jirrigwarda l-proceduri quddiem it-Tribunal u l-Qorti.

Maghdud dan, l-ilment principali tal-appellant jistrieh fuq l-allegazzjoni illi l-Kummissjoni hadet decizjoni fuq l-applikazzjoni fit-12 ta' Awwissu 2013. Dan ma hux korrett u hi korretta l-interpretazzjoni legali moghtija mit-Tribunal. L-applikazzjoni in kwistjoni giet deciza favorevolment ghal applikant fit-8 ta' Frar 2013. Din hi d-data tad-decizjoni, liema decizjoni kienet soggetta ghal kondizzjonijiet fosthom wahda rizoluttiva dwar strutturi illegali li kellhom jitnehhew entro terminu mid-data tad-decizjoni. Billi jidher li l-applikant ma ottemperax ruhu ma' tali kunidzzjoni, il-Kummissjoni sejhet laqgha biex jigi accertat dan, (li mhux kontestat) u irrevokat il-permess gia moghti u kwindi l-applikazzjoni giet michuda. Dan hu l-iter legali korrett tal-fatti, mhux kif ipprova jissottometti l-applikant li l-applikazzjoni giet deciza fit-12 ta' Awwissu 2013, tant hu hekk illi fl-istess ittra ta' cahda tal-Awtorita issir referenza ghad-decizjoni mehuda fit-8 ta' Frar 2013 li ikkrejat dritt ghal applikant soggetta ghal ottemperament minnu ta' certi kondizzjonijiet fi zmien stipulat.

It-talba ghas-sospensjoni ai termini tal-Avviz Legali 514/10 jew/u Avviz Legali 158/13 ma hi ta' ebda rilevanza fil-proceduri mehuda billi tali avviz legali kif emendat japplika biss ghal applikazzjonijiet pendenti quddiem l-Awtorita jew il-Kummissjoni u f'dan il-kaz, meta saret it-talba, ma kien hemm ebda applikazzjoni pendenti ghax l-applikazzjoni kienet ilha xhur

deciza izda biss kwistjoni ta’ adempiment ma obbligazzjonijet f’applikazzjoni deciza mill-Awtorita ossia l-Kummissjoni fi Frar 2013. Il-Kummissjoni ma kellha ebda dritt taccetta jew tikkunsidra tali talba pero setghet ghal finijiet ta’ kortesija u sodisfazzjon ghal parti, tat digriet fuq it-talba ad hoc pero l-ommissjoni taghha ma jgib ebda nullita jew pregudizzju. Id-decizjoni tal-Kummissjoni hi fiha infisha cahda implicita tat-talba, liema kwistjoni giet ventilata mill-aspett legali taghha quddiem it-Tribunal fejn l-appellant kellu kull opportunita jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu u wara cahda quddiem it-Tribunal, l-istess rega’ ghamel quddiem din il-Qorti.

Il-Qorti tqis illi t-Tribunal agixxa skond il-ligi fid-decizjoni moghtija u applika l-Avviz Legali 504/10 u l-Avviz Legali 158 tal-2013 kif imiss.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-appell ta’ Jimmy Vella u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-16 ta’ Settembru 2014, bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------